MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1355/2002

**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

**vs**

**Anthony u Marianne konjugi Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi li bih, wara li ppremettew:

Illi l-atturi huma kredituri tal-konvenut fl-ammont ta' hdax-il elf u tmienja u tletin lira Maltin (Lm11,038) bilanc ta' somma akbar dovuta skond ftehim ta' self li sar bejn il-partijiet fit-13 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak LL.D. (Dok. JM1 anness mac-citazzjoni);

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-atturi, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess ammont;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hdax-il elf u tmienja u tletin lira Malttin (Lm11,038) ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------